**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 24 ta` Ottubru 2019**

**Kawza Nru. 1**
**Rikors Nru. 825/2019 JZM**

**BNF Bank plc gja Banif Bank (Malta) plc (C 41030)**

***kontra***

**Miguel Portelli K.I. numru 224592M bhala debitur principali u Chrismarmig Company Ltd (C23992) bhala garanti in solidum flimkien u mad-debitur principali**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat bil-procedura sommarja specjali fis-27 Awwissu 2019 li jaqra hekk :–

*1. Illi l-kumpanija esponenti hi bank kummercjali licenzjat taht il-Ligijiet ta` Malta biex fost l-ohrajn issellef flus lill-klijenti taghha;*

*2. Illi d-debitur principali hu klijent tal-kumpanija esponenti u ha minn ghandha self ghal skopijiet kummercjali;*

*3. Illi s-self kien jikkonsisti fis-segwenti:*

*a) Business Overdraft ta` ghaxart elef Euro (€10,000) koncernanti Account numru 363227 10 001 u moghti ai termini ta` Credit Agreement datat 22 ta` Lulju 2013 u kuntratt pubbliku datat 10 ta` Settembru 2013 fl-atti tan-Nutar Dr Malcolm Mangion (ara Dok. `A` u Dok. `B` rispettivament), u*

*b) Business Loan ta` disghin elf Euro (€90,000) koncernanti Account numru 363227 71 001 u moghti ai termini ta` Credit Agreement datat 22 ta` Lulju 2013 u kuntratt pubbliku datat 10 ta` Settembru 2013 fl-atti tan-Nutar Dr Malcolm Mangion (ara Dok. `C` u Dok. `D` rispettivament);*

*4. Illi d-debitur principali naqas milli jhallas lura dan is-self u konsegwentement, l-ammonti dovuti minnu huma kif gej:*

*a) in kwantu l-Business Overdraft, tlettax-il elf, mitejn u hamsa u ghoxrin Euro u tlieta u tmenin Centezmu (€13,225.83) dovuti fuq l-Account numru 363227 10 001 u li sal-15 ta` Lulju 2019 kienu jinkludu mghaxijiet t` erbgha u hamsin Euro u tmienja u tmenin Centezmu (€54.88) (ara Dok. `E`), u*

*b) in kwantu l-Business Loan, tnejn u sebghin elf u tlieta u tletin Euro u tmienja u tmenin Centezmu (€72,033.88), dovuti fuq l-Account numru 363227 71 001 u li sal-15 ta` Lulju 2019 kienu jinkludu mghaxijiet ta` hdax-il elf, hames mija u tlieta u tmenin Euro u tliet Centezmi (€11,583.03) (ara Dok. `F`);*

*5. Illi dawn l-ammonti saru dovuti fl-intier taghhom mid-debitur principali lill-kumpanija esponenti ai termini ta` klawsoli 12 u 9(p) tal-Credit Agreements rispettivi u markati Dok. `A` u Dok. `C` kif msemmi aktar `l fuq u dan stante li sehhew wahda jew aktar mill-events of default imsemmijin f` dawn il-Credit Agreements, partikolarment, izda mhux esklussivament:*

*"a. Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,*

*b. The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,*

*n. Any other event which in the Bank`s reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/ s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility";*

*6. Illi in vista tas-suespost l-ammont komplessiv dovut mid-debitur principali lill-kumpanija esponenti sal-15 ta` Lulju 2019, kien ta` hamsa u tmenin elf, mitejn u disgha u hamsin Euro u wiehed u sebghin centezmu (€85,259.71);*

*7. Illi d-debitu soppracitat, hu wkoll dovut mill-kumpanija konvenuta Chrismarmig Company Ltd. li in virtu tal-kuntratti pubblici markati Dok. `B` u Dok. `D` msemmija aktar `l fuq, dahlet bhala garanti solidali flimkien mad-debitur principali;*

*8. Illi l-kumpanija esponenti ttentat tinterpella lill-konvenuti diversi drabi biex ihallsuha d-dejn, fosthom permezz ta` ittra ufficjali numru 3567/2018 prezentata fir-registru ta` din il-Qorti (ara Dok. `G`), izda dawn baqghu inadempjenti;*

*9. Illi l-kreditu tal-kumpanija esponenti huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuti m`ghandhomx eccezzjonijiet x`jaghtu f`dan ir-rigward kontra t-talbiet tal-kumpanija esponenti;*

*10. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi a tenur tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi, l-kumpanija esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Taqta` u tiddeciedi din l-kawza bid-dispensa tas-smigh, ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta; u*

*2. Tiddikjara li l-konvenuti saru debituri tal-kumpanija esponenti, solidalment bejniethom, fl-ammont ta` €85,259.71; u*

*3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-kumpanija esponenti, solidalment bejniethom, l-ammont ta` €85,259.71;*

*Bl-ispejjez, bank charges u fees u bl-imghaxijiet mill-15 ta` Lulju 2019 sad-data tal-pagament effettiv.*

*Il-bank charges u fees qed jintalbu ai termini:*

*1. tal-Credit Agreement markat Dok. `A` u msemmi aktar `l fuq u t-Terms and Conditions (ara Dok. `H`) u t-Tariff of Charges (ara Dok. `I`) kwantu Account numru 363227 10 001; u*

*2. tal-Credit Agreement markat Dok. `B` u msemmi aktar `l fuq u t-Tariff of Charges (ara Dok. `J`) kwantu l-Account numru 363227 71 001.*

*L-imghaxijiet qed jintalbu:*

*1. bir-rata ta` ghaxra fil-mija (10%) fis-sena fuq l-ammont dovut fuq l-Account numru 363227 10 001 ai termini ta` klawsola 12 tal-Credit Agreement markat Dok. `A` u msemmiha aktar `l fuq;*

*2. bir-rata ta` ghaxra punt tnejn hamsa fil-mija (10.25%) fis-sena fuq l-ammont dovut fuq Account numru 363227 71 001 ai termini ta` klawsoli 5 u 9(p) tal-Credit Agreement markat Dok. `C` u msemmi aktar `l fuq;*

*Il-konvenuti huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni u dan b`rizerva ghal kull dritt iehor spettanti lill-kumpanija esponenti fil-konfront tal-istess konvenuti.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti pprezentati mar-rikors guramentat.

Rat illi l-atti tar-rikors guramentat kienu debitament notifikati lill-konvenuti skont il-ligi flimkien mal-avviz tas-smigh tal-kawza.

Rat in-nota li pprezentaw il-konvenuti fl-udjenza tal-lum li permezz taghha kienu ammessi t-talbiet attrici kif dedotti.

**Ghaldaqstant, wara l-ammissjoni tal-konvenuti,**

**Il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi -**

**Tilqa` l-ewwel u t-tieni talbiet.**

**Tilqa` t-tielet talba, bl-imghax kif mitlub.**

**Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, komprizi l-bank charges u fees kif mitluba.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**